Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2512

25.9.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2512

tas-17 ta' April 2024

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, fir-rigward tal-aċidu beħeniku miż-żerriegħa tal-mustarda li jintuża fil-manifattura ta' ċerti emulsjonanti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 jistabbilixxi lista ta' sustanzi jew prodotti li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi f'individwi suxxettibbli u għalhekk, l-informazzjoni dwar il-preżenza ta' dawn is-sustanzi jew prodotti fl-ikel dejjem trid tingħata lill-konsumatur f'konformità ma' dak ir-Regolament.

(2) Sabiex il-konsumatur jiġi protett kontra allerġeni tal-ikel ġodda u jiġu evitati obbligi mhux meħtieġa dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel, l-aġġornament tal-Anness II jista' jikkonsisti fiż-żieda ta' sustanzi mal-lista jew it-tneħħija ta' sustanzi minn dik il-lista meta jkun ġie stabbilit xjentifikament li x'aktarx ma jikkawżawx reazzjonijiet avversi f'individwi suxxettibbli.

(3) Għal dan l-għan, il-partijiet li huma potenzjalment interessati xorta waħda jistgħu jipprovdu evidenza lill-Kummissjoni li tistabbilixxi li l-prodotti li ġejjin mis-sustanzi elenkati fl-Anness II, x'aktarx, taħt ċerti ċirkostanzi, ma jikkawżawx reazzjonijiet avversi fl-individwi.

(4) Bħala parti mir-rieżami skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 u f'konformità mal-Artikolu 29(1), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") tagħti l-opinjoni tagħha dwar il-probabbiltà ta' reazzjonijiet avversi kkawżati f'individwi suxxettibbli mill-konsum tal-aċidu beħeniku prodott miż-żerriegħa tal-mustarda u użat, f'kundizzjonijiet speċifiċi, fil-manifattura tal-emulsifikanti E 470a, (melħ tas-sodju, tal-potassju u tal-kalċju tal-aċidi grassi), E 471 (mono- u digliċeridi tal-aċidi grassi) u E 477 (esteri tal-propan-1,2-diol tal-aċidi grassi).

(5) Fil-25 ta' Ottubru 2016, abbażi tad-*data* ppreżentata, l-Awtorità adottat opinjoni xjentifika ([2]) li tikkonkludi li l-konsum orali tal-ikel li fih l-emulsjonanti manifatturati bl-użu tal-aċidu beħeniku miż-żerriegħa tal-mustarda (E 470a, E 471 u E 477) x'aktarx li ma jwassalx għal reazzjoni allerġika f'individwi suxxettibbli (individwi allerġiċi għall-mustarda) meta użat skont il-kundizzjonijiet proposti (jiġifieri l-aċidu beħeniku b'purità minima ta' 85 % u miksub wara żewġ stadji ta' distillazzjoni).

([1]) ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/1169/oj.

([2]) Opinjoni Xjentifika relatata ma' notifika minn DuPont Nutrition Biosciences Aps dwar l-aċidu beħeniku miż-żerriegħa tal-mustarda li għandha tintuża fil-manifattura ta' ċerti emulsjonanti skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 – għal eżenzjoni permanenti mit-tikkettar. *EFSA Journal* 2016;14(11):4631, 14 pp. doi:10.2903/j.efsa.2016.4631.

(6) Wara tħassib imqajjem minn Stat Membru relatat mal-esponiment ta' kuljum għas-sustanzi inkwistjoni u għad-doża ta' proteina li twassal għal reazzjonijiet allerġiċi f'individwi allerġiċi għall-mustarda, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità tirrevedi l-opinjoni xjentifika tagħha tal-2016 u taġġornaha, jekk meħtieġ.

(7) Fil-25 ta' Settembru 2023, l-Awtorità ppubblikat it-tieni opinjoni xjentifika tagħha ([3]) li kkonkludiet li, abbażi tal-informazzjoni u d-*data* disponibbli, huwa estremament improbabbli (probabbiltà ta' ≤ 1 %) li l-konsum orali tal-emulsjonanti manifatturati bl-użu tal-aċidu beħeniku miż-żrieragħ tal-mustarda (E470a, E471 u E477) jikkawża reazzjoni allerġika fl-individwi allerġiċi għall-mustarda meta użat skont il-kundizzjonijiet proposti.

(8) Abbażi ta' dawk il-konklużjonijiet, huwa xieraq li l-emulsjonanti manifatturati bl-użu tal-aċidu beħeniku miż-żerriegħa tal-mustarda (E 470a, E 471 u E 477) jiġu esklużi mill-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011.

(9) Jenħtieġ li l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 jiġi emendat skont dan.

(10) Sabiex l-operaturi tan-negozji tal-ikel ikunu jistgħu jagħmlu tranżizzjoni bla xkiel għar-regoli l-ġodda, jenħtieġ li jiġu pprovduti miżuri tranżitorji xierqa f'konformità mal-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Punt 10 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. Mustarda u prodotti tagħha, minbarra:

aċidu beħeniku b'purità minima ta' 85 % u miksub wara żewġ stadji ta' distillazzjoni użati fil-manifattura tal-emulsjonanti E 470a, E 471 u E 477;".

Artikolu 2

Ikel legalment imqiegħed fis-suq jew ittikkettat qabel l-1 ta' April 2025 li ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament jista' jiġi kkummerċjalizzat sakemm jispiċċaw il-ħażniet ta' dak l-ikel.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' April 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' April 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([3]) Evalwazzjoni mill-ġdid tal-aċidu beħeniku miż-żerriegħa tal-mustarda li jintuża fil-manifattura ta' ċerti emulsjonanti skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 – għal eżenzjoni permanenti mit-tikkettar. *EFSA Journal*, 21(9), 1–27. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2023.8240.